MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2006

Numru. 57/2004

**Il-Pulizija**
**(Sp. Raymond D'Anastas)**

**v**

**Aidan Galea ta' 35 sena bin Robert u**
**Brigid nata Mc Geough imwieled**
**Tas-Sliema fl-20 ta' Jannar, 1969,**
**u residenti 36, 'Gnisi', Triq Dun Mikiel Rua,**
**Tas-Sliema, detentur tal-karta tal-identita'**
**bin-numru 47469 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Aidan Galea li gie akkuzat talli fil-25 ta' Mejju, 2003 ghall-habta tas-saghtejn ta' filghodu gewwa Hal-Qormi b'nuqqas ta' hsieb,

bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, involontarjament ikkagunaw feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Eleonor Farrugia li ghandha ID card numru 77381M u dan waqt li kien qed isuq u/jew kellu taht il-kontroll tieghu vetura numru AGN-001.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji.

Rat li l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkonsidrat

Illi huwa certament pacifiku li fil-gurisprudenza taghna hija komunement addottata t-tezi proposta minn Carrara u cioe dik tradizzjonali u soggettiva li ghandha element rekwizitorju ta' prevedibilita' tal-hsara jew dannu.

Fis-sentenza Il-Pulizija v Saverina sive Rina Borg (Appell Kriminali 31/07/01998) per Onor. Patrick Vella il-kulpa gie definit hekk "kondotta volontarja (azzjoni jew ammissjoni) li tikkaguna event anti guridiku, mhux volut, izda prevedibbli, b'mod li setgha jigi evitat bl-uzu ta' attenzjoni jew prudenza fi grad normali.

F'din is-sentenza kif ben issottometta l-Avukat Difensur, il-Qorti ghamlet differenza bejn dik li hi culpa incosciente u dik cosciente billi qalet hekk

"Il-kulpa normali (incosciente) dik tal-prevedibbli temergi meta fil-kondotta ta' l-agent hemm l-element tan-negligenza, imprudenza, imperizja jew nuqqas ta' tharis ta' dritt. Il-kulpa l-ohra (cosciente) tirrizulta meta quddiem il-kondotta ta' l-agent, l-akkadut dannuz, bhala

konsegwenza ghal dik il-kondotta, jidher possibbli u b'dana kollu, hu xorta jwettaq dak l-agir tieghu bl-isperanza li dak li possibbli li jigri fil-fatt ma jigrix.  Din it-tip ta' kulpa (cosciente) ghalhekk hu forma ta' kulpa iktar gravi mill-kulpa normali (incosciente), cioe dik tal-prevedibbli imam mhux previst, u dan ghaliex fil-kaz tal-colpa cosciente, dik tal-previst hija vicin hafna ta' u tikkonfina, mad-doluz, il-volut  (page 272 ibid).

Tkompli l-istess sentenza billi taghmel distingwi bejn diversi forom bejn atti negligenti, imprudenza imperizija u non osservanza ta' ligikjiet, regolment, ordnijiet billi tghid

"L-imprudenza tigi mill-agir ta' xihadd minghajr ma jiehu l-opportuni kawteli;

In-negligenza tigi mid-disattenzjoni u disakkortezza ta' l-agent fil-kondotta tieghu.

L-imperizja hija forma specifika tal-kulpa professjonali …."

Illi mil-fatti tal-kawzi in dizamina fil-qosor jirrizulta ben pruvat illi Eleanor Farrugia weggghet sforz l-incident awtomobilistiku li fih kienet involuta flimkien ma' l-gharus taghha l-akkuzat Aidan Galea.

Kien Aidan Galea li fil-fatt kien qed isuq il-vettura.

Jirrizulta illi Aidan Galea fil-fatt habit wahdu fis-sens li ma fixklu xejn.  Fil-fatt habat wahdu fis-sens illi ma fixklu xejn. Fil-fatt nonostante li Eleanor Farrugia ssemmi u taghti hjiel ta' possibilita' ta' vettura ohra li setghet fixklet lil Galea, dana ma jirrizulta mkien mill-atti processwali.

Lanqas ma jirrizulta (vide relazzjoni ta' l-espert Joseph Zammit Dok JZ) li l-vettura kellu xi difett tekniku li seta' kkontribwixxa ghal incident awtomobilistiku.

Fil-fatt jirrizulta mill-atti (vide l-inkjesta) li meta Aidan Galea, moghti l-caution, xehed quddiem l-espert mahtur mill-Inkwirenti, huwa qal li kien ghajjien, anzi jghid a fol 59

“Forsi pero’ kont xi ftit ghajjien billi matul il-jum tas-Sibt 24 ta’ Mejju, 2003, kelli nuqqas ta’ mistrieh pero’ meta tlaqna bil-vettura nghid li ma kontx f’pozizzjoni li ma nistax insuq bl-ghejja.”

Jiddeskrivi l-incident b’dan il-mod:

“mea tlaqt il-fly over li tghaddi minn fuq Milli Street Hal-Qormi, u cioe l-Fly Over ta’ Triq is-Sebh, jien harist fuq ix-xellug biex nara kienx hemm xi vetturi gejjin minn that il-bridge u cioe minn Mill Street u meta ergajt harist il-quddiem sibt ruhi bil-vettura tieghi f’arblu “ (ibid)

Jattribwixxi dan l-incident ghal ghejja bili jerga’ jghid:

“Nghid li fil-fatt ma kien hemm ebda terzi persuni li tellfuni fis-sewqan tieghi, pero’ ma neskludix li kont ghajjien,u peress li kont ghajjine stajt irreagixxejt billi ghafast izjed mas-centre strip. Jien nahseb lid an l-incident gara minhabba l-ghejja li kelli …. Kont ili tmintax il-siegha mqajjem meta is-soltu nistrieh.” (a fol 60)

Jigi premess ukoll illi Eleanor Farrugia f’dan l-incident apparti griehi ohra tilfet mhux l-uzu ta’ wahda minn ghajnejha biss imam sahansitra l-ghajn fl-intier taghha, l-eyeball.

Stabbiliet ukoll illi l-vettura misjuqa minn Galea giet dikjarata beyond economical repair (vide Dok JZ a fol 47 tal-Process Verbal).

Ikkonsidrat

Illi kif premess il-vettura ta’ Galea spiccat go arbli tad-dawl li jinsab fuq is-central strip. Illi f’dan ir-rigward din il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoniji tad-Difiza li donna qed timplika li dan l-incident kien ikkagunat mill-pozizzjoni li dan l-arblu kelli f’din is-central strip. Koncess il-fatt likif xehed Jospeh Zammit kien hemm almenu habta ohra awtomobilistika simili, cioe vettura li spiccat f’dan l-arblu, koncess anke l-fatt li wara dawn l-incidenti anke tpoggew crash barriers, ma jirrizultax li t-topografija tat-triq kienet

tali li tinduci u twassal ghal dawn l-incidenti, considerando anke l-fatt li ghaddew mijiet ohra ta’ vetturi li fil-fatt ma tkahhlux ma’ dan l-arblu.

Hija fil-fatt l-opinjoni ta’ din il-Qorti u hawn anke a bazi ta’ dak li qal l-istess akkuzat li l-ghejja teighu kienet kagun tal-habta.  Hu ghalhekk illi fil-fehma ta’ din il-Qorti u anke skond id-definizzjoni moghtija mis-sentenza citata tal-kelma negligenza li fil-fatt konsapevoli ta’l-ghejja li kellu, kien negligenti meta huwa saq.

Ghalhekk qeghda ssibu hati ta’ kulpa normali u cioe dik incosciente u cioe dik incosciente u dik prevedibbli u mhux ta’ dik il-colpa cosciente in kwantu ma tqisx illi l-incident awtomobilistiku kien jidher wiehed possibbli.

Ghaldaqstant issibu hati tar-reat ipprospettat taht l-artiklu 226 tal-Kapitlu 9.   Rat il-fedina penali li hija ghal kollox netta, qieset ukoll li Farrugia rrinunzjat ghal kull azzjoni kriminali, tenut kont tal-fatt li din l-azzjoni mhux rinunzjabbli, pero’ tqis anke r-relazzjoni odjerna ta’ l-akkuzat u l-parti leza, tqis ukoll li hu m’ghandux ibati piena karcerarja effettiva u qeghda ghaldaqstant tikkundannah ghal multa ta’ hames mitt lira Lm 500.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------